



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9743/19

COMPET 437
MI 487

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9402/19
Suġġett:	- <i>Kunsill Kompetittività fis-27 ta' Mejju 2019</i> Konklużjonijiet dwar "Livell ġdid ta' ambizzjoni għal Suq Uniku kompetittiv" - <i>Adozzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Livell ġdid ta' ambizzjoni għal Suq Uniku kompetittiv" kif adottat mill-Kunsill Kompetittività fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Mejju 2019.

Livell ġdid ta' ambizzjoni għal Suq Uniku kompetittiv

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. IFAKKAR

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2018, li enfasizzaw il-hteġa li nkomplu mixjin bl-aġenda tas-Suq Uniku fid-dimensjonijiet kollha tagħha u li niżviluppaw approċċ li jħares 'il quddiem¹;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2019 li appellaw għal approċċ integrat li jgħaqqad il-politiki u d-dimensjonijiet rilevanti kollha u b'mod partikolari li s-Suq Uniku għandu jkompli jiġi approfondit u msaħħaħ, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' ekonomija tas-servizzi u fuq l-integrazzjoni tas-servizzi diġitali filwaqt li jitneħħew l-ostakli mhux ġustifikati li fadal u jiġi evitat li jinħolqu oħrajn ġodda u għal aktar approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-iżgurar ta' tassazzjoni ġusta u effettiva²;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Is-Suq Uniku f'dinja li qiegħda tinbidel – Assi uniku li jeħtieġ impenn politiku mġedded" adottata fit-22 ta' Novembru 2018³.

¹ Dok EUCO 17/18, paragrafu 2.

² Dok. EUCO 1/19, paragrafi 2, 3.

³ Dok. 14633/2018+ADD1.

I. Approċċ integrat għas-Suq Uniku

2. JENFASIZZA li l-UE teħtieġ viżjoni fit-tul għal Suq Uniku kompetittiv globalment, bħala pedament tal-kompetittività globali Ewropea, li tindirizza l-isfidi globali, teknoloġiċi, tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà, attwali u emerġenti u li tkopri l-oqsma politiċi rilevanti kollha, filwaqt li jiġi rikonoxxut li teħtieġ impenn imġedded kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-istituzzjonijiet tal-UE. Approċċ integrat u li jħares 'il quddiem għat-tisħiħ tas-Suq Uniku joffri bażi għal transizzjoni ta' suċċess lejn Ewropa effiċjenti, koerenti, ibbilanċjata u sostenibbli mmexxija mis-settur diġitali, f'termini ekonomiċi, ambjentali u soċjali. JENFASIZZA l-hteġa ta' ambjent tan-negozju abilitanti għall-investment, l-innovazzjoni u l-intraprenditorja fis-Suq Uniku kollu, li jrawwem is-swieq Ewropej biex imorru tajjeb u biex in-negozji, irrispettivament mill-mudell tan-negozju tagħhom, jespandu u jkunu b'saħħithom biżżejjed fis-swieq globali, ambjent li jiżgura livell ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'termini ta' regoli tal-kompetizzjoni u soċjali u f'oqsma rilevanti oħra, u li fih is-swieq miftuħa jinżammu.
3. JIKKUNSIDRA li n-negozji u ċ-ċittadini jeħtieġ li jkunu ċ-ċentru tal-proċess tat-tfassil tal-politiki. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lit-titjib tal-ambjent tan-negozji għall-SMEs, inkluż għan-negozji ġodda u kumpanniji b'kapitalizzazzjoni medja. JIRRIKONOXXI li sabiex jikkontribwixxu għal Suq Uniku li jibqa validu fil-futur, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew għandhom jaħdmu b'kooperazzjoni mill-qrib lejn approċċ aktar iċċentrat fuq l-utent, li b'mod aktar wiesa' huwa bbażat fuq analiżi bir-reqqa tal-fatti u l-ħtiġijiet. Dan jinvolvi li jiġu mifhuma l-ħtiġijiet tan-negozji u ċ-ċittadini u esperjenzi transkonfinali billi titwettaq riċerka profonda ffukata fuq l-ambizzjonijiet u l-ostakli skont is-(sotto)settur u/jew skont iż-żona transkonfinali/reġjonali. JIRRIKONOXXI li fis-Suq Uniku li dejjem qed jinbidel, in-negozji, speċjalment l-SMEs, jeħtieġu kondizzjonijiet qafas imtejba kif ukoll għodod biex jgħinuhom jegħlbu l-komplessità regolatorja u l-frammentazzjoni legali fis-Suq Uniku sabiex b'hekk jiffaċilitaw il-kummerċ transkonfinali u l-espansjoni tagħhom.

4. JIRRIKONOXXI li tisħiħ kontinwu tas-Suq Uniku jeħtieġ li jitfassal mill-ġdid b'tali mod li jippermetti b'mod ċar approċċ integrat lejn il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, li jrawwem sinerġiji bejn il-politika għas-Suq Uniku, inkluż id-dimensjonijiet diġitali u industrijali tiegħu, u politiki oħra u billi jiġi ssimplifikat il-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha. JINNOTA l-importanza ta' azzjonijiet ta' prijorità biex jiġu appoġġati setturi industrijali, b'mod partikolari dawk li jistgħu jagħtu prestazzjoni aħjar f'termini ta' tkabbir u kisba ekonomika ta' objettivi tal-iżvilupp sostenibbli. Jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni debita għad-differenzi fl-iżvilupp ekonomiku u l-kondizzjonijiet tan-negozju fl-UE kollha u sabiex tiġi żgurata l-koeżjoni.
5. JENFASIZZA n-neċessità li jkomplu jitneħħew l-ostakli transkonfinali regolatorji jew nonregolatorji mhux ġustifikati li fadal fis-Suq Uniku, b'mod partikolari fis-swieq tas-servizzi u li tiġi pprovduta ċertezza legali permezz ta' regoli ċari, konsistenti u proporzjonati. IHEĠĠEGĠ li jiġi evitat kwalunkwe xkiel u frammentazzjoni tas-Suq Uniku, f'ambjent operazzjonali li qed jiżviluppa kontinwament. JENFASIZZA l-importanza li jintużaw l-istrument rilevanti kollha, inkluż it-tisħiħ tal-armonizzazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku, kif ikun adatt u l-applikazzjoni tagħhom.
6. IFAKKAR li d-diġitalizzjoni tippermetti aktar kummerċ transkonfinali u Suq Uniku aktar integrat. L-importanza tad-diġitalizzjoni hija orizzontali u għalhekk għandha tinfiltra fil-politiki kollha. JISSOTTOLINJA li t-trasformazzjoni diġitali għandha l-potenzjal li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'mod sinifikanti u ttejjeb il-kondizzjonijiet qafas għall-investiment fin-negozju u JENFASIZZA li regolamentazzjoni diġitali b'mod awtomatiku u li tgħodd għall-futur hija prekondizzjoni għal Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb, li jippromwovi l-innovazzjoni, it-teknoloġiji u l-mudelli tan-negozju ġodda u li jippermetti servizzi pubbliċi diġitali aktar effiċjenti u aktar faċli għall-utent li jnaqqsu l-piżijiet mhux meħtieġa. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-inklużjoni diġitali, il-ħiliet diġitali, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur diġitali, iċ-ċibersigurtà, l-infrastruttura abilitanti u l-gvern elettroniku.

7. JIEĦU NOTA tal-opportunitajiet li qed joffri funzjonament ottimu tas-Suq Uniku għas-servizzi u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tittejjeb l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq tas-servizzi, b'kunsiderazzjoni tal-effetti kollaterali sinifikanti għas-setturi relatati u l-interdipendenza li qed tiżdied tas-servizzi u l-industrija fil-ħolqien ta' valur miżjud fil-ktajjen tal-valur globali. JENFASIZZA s-servizzi diġitali u l-ekonomija tad-data bħala parti integrali tas-Suq Uniku u JISSOTTOLINJA li ekonomija tas-servizzi aktar kompetittiva ser tipprovdi bażi solida għall-industriji u n-negozji tagħna meta jiġi indirizzat it-tfixkil teknoloġiku mgħaġġel. IFAKKAR fil-ħtieġa li tittejjeb il-mobbiltà tal-professjonisti.
8. JENFASIZZA l-importanza ta' bażi ekonomika b'saħħitha u ta'investiment adegwat biex jiġi żviluppat aktar is-Suq Intern u jiġi appoġġat il-funzjonament tajjeb tiegħu. JILQA' f'dan ir-rigward għadd ta' programmi proposti fil-Qafas tal-QFP 2021-2027, bħal Orizzont Ewropa, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropea, InvestEU, il-Programmi tal-Ewropa Diġitali u tal-Fond Ewropew għad-Difiża. JIRRIKONOXXI l-potenzjal sostantiv tagħhom biex tissaħħaħ il-kompetittività tas-Suq Uniku.
9. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar adegwati, trasparenti u effettivi tal-leġislazzjoni tal-UE, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali, reġjonali u lokali, għandhom jissaħħu sabiex tiżdied il-fiduċja tal-kumpanniji u ċ-ċittadini li d-drittijiet tagħhom ibbażati fuq ir-regoli u l-libertajiet tas-Suq Uniku jiġu sodisfatti fil-prattika. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-proċeduri ta' notifika; JIKKUNSIDRA li hija meħtieġa aktar trasparenza rigward il-politika tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar fis-Suq Uniku. IFAKKAR fil-benefiċċji tas-sistema EUPilot.

10. IFAKKAR fir-responsabbiltà tal-koleġislaturi u l-Kummissjoni li jtejb u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, inkluż il-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" u dak tal-innovazzjoni, sabiex jiġi żgurat qafas regolatorju ffaċilitat u sabiex jiġi żgurat li l-kwalità tal-leġislazzjoni tkun garantita fil-proċess leġislattiv kollu. ITENNI l-impenji tiegħu u l-importanza li jitneħħew piżijiet regolatorji u nonregolatorji mhux ġustifikati u JAPPELLA għal impenji u objettivi konkreti għall-prevenzjoni u t-tneħħija ta' piżijiet regolatorji u nonregolatorji mhux neċessarji u l-ostakli tekniċi u mhux tekniċi mhux iġġustifikati kollha li għad fadal fis-Suq Uniku, filwaqt li jiġu rispettati standards ta' protezzjoni eżistenti u mingħajr ma jiġu mminati l-objettivi sottostanti tal-leġislazzjoni. JAPPELLA lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex isaħħu approċċ aktar ibbażat fuq il-prinċipju u l-evidenza u mmexxi mis-suq fit-tfassil tal-politiki u t-twaqqif ta' regoli ġodda, filwaqt li kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jiffukaw fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar fis-snin li ġejjin. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex iġġedded il-mandat tal-Pjattaforma REFIT.

II. Sejħa għal azzjoni

11. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex:

- tlesti, sa Marzu 2020, il-valutazzjoni tal-ostakli regolatorji u nonregolatorji li fadal fis-Suq Uniku b'attenzjoni speċjali fuq is-servizzi, billi tibni fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2018 u Marzu 2019 u fuq ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Novembru 2018, filwaqt li tiegħu l-perspettiva tan-negozji u l-konsumaturi, billi tissimplifika s-servizzi diġitali, tikkunsidra twettaq rendikont tal-qafas regolatorju globali stabbilit mill-Istrateġija għal Suq Uniku u l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali u tiffoka fuq l-aktar oqsma rilevanti u kwistjonijiet transkonfinali.
- tevalwa, abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-ħtieġa għal aktar inizjattivi sabiex itejbu u jsaħħu s-Suq Uniku, li għandhom ikunu "ttestjati diġitalment", orjentati lejn il-futur u teknoloġikament newtrali.

JAPPELLA għall-impenn sħiħ tal-Istati Membri biex jindirizzaw l-ostakli identifikati mhux ġustifikati permezz ta' soluzzjonijiet adegwati.

12. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkooperaw dwar Suq Uniku mtejjeb abbażi ta' fatti u ħtiġijiet permezz ta':

- aġenda ta' analiżi koordinata, li għandha tiġi aġġornata b'mod frekwenti, li timmira għal analiżi fil-fond u konġunta tal-opportunitajiet għall-kooperazzjoni transkonfinali u l-katini ta' valur, ix-xejriet ekonomiċi f'(sotto)setturi speċifiċi, il-kontribut kwalitattiv tan-negozji inkluż permezz ta' vjaġġi tal-klijenti u tal-utenti, modi differenti ta' provvista tas-servizzi, u mikro data;
- aġenda ta' azzjoni kkoordinata, li għandha tiġi aġġornata b'mod frekwenti, li permezz tagħha kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-ostakli mhux ġustifikati u l-opportunitajiet identifikati u jfasslu soluzzjonijiet imfassla apposta, inkluż permezz ta':
 - i) riċerka konġunta u validazzjoni tas-soluzzjonijiet għal-lakuni identifikati billi jinġabru flimkien esperti differenti;
 - ii) proġetti pilota bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri biex b'mod konġunt isibu soluzzjonijiet skalabbli għal problemi transkonfinali speċifiċi b'mod partikolari esperjenzi tal-utent transkonfinali,
 - iii) il-prijoritizzazzjoni ta' azzjonijiet imfassla apposta għal (sotto)setturi bl-akbar ostakli esperjenzati jew b'rilevanza ekonomika kbira, kif identifikati permezz ta' analiżi koordinata, kif ukoll il-ħtiġijiet speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; li jstimulaw azzjoni minn isfel għal fuq u soluzzjonijiet prammatiċi;
 - iv) abbażi ta' din il-ħidma, jiġu identifikati soluzzjonijiet xierqa, li jistgħu jissarrfu f'inizjattivi leġislattivi jew mhux leġislattivi, biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi.

- v) l-aġenda, l-azzjonijiet u s-sejbiet tagħha jkunu disponibbli pubblikament u b'mod trasparenti, pereżempju fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku
 - vi) tkompli tiġi indirizzata l-ħtieġa għal informazzjoni mmirata għan-negozji, l-intraprendituri u ċ-ċittadini dwar kif isir in-negozju u x-xogħol fi Stati Membri oħra, inkluż bl-użu sħiħ tal-Punti ta' Kuntatt Uniku, il-Gateway Diġitali Unika, l-Ewropa Tiegħek, SOLVIT u s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) u l-involvement, fejn adegwat, tal-partijiet interessati u l-utenti potenzjali;
13. JIRRIKONOXXI l-progress li sar fil-qasam tal-prodotti permezz tal-adozzjoni tal-proposti dwar il-Pakkett dwar il-Prodotti u JAPPELLA lill-Istati Membri sabiex japplikaw b'mod effettiv ir-regolamenti l-ġodda dwar ir-rikonoxximent reċiproku u s-sorveljanza tas-suq sabiex titjeb il-fiduċja tal-konsumatur u n-negozji fis-Suq Uniku. JAPPELLA lill-koleġislaturi sabiex jissalvagwardjaw l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Qafas Leġislattiv Ġdid meta tiġi adottata leġislazzjoni armonizzata dwar il-prodotti sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv permezz ta' koerenza u flessibilità regolatorja.
 14. JENFASIZZA l-progress reċenti fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u li hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur li tkun aġġornata mal-iżviluppi diġitali rapidi filwaqt li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-Suq Uniku, u aċċess transkonfinali mill-konsumaturi għall-oġġetti u s-servizzi, u b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-SMEs biex ikun possibbli livell għoli ta' żvilupp tan-negozju u impjiegi.
 15. JIRRIKONOXXI li għad hemm ostakli fis-suq tas-servizzi, JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien fi sħubija fir-rigward tat-tneħħija tal-ostakli, abbażi ta' sfidi speċifiċi li jiltaqgħu magħhom in-negozji; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi aktar gwida biex ittejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli u l-istrumenti eżistenti fis-servizzi, u biex tiffaċilita t-tagħlim reċiproku permezz tad-detezzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri.

16. Barra minn hekk, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, filwaqt li taħdem fuq implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar tal-istrumenti eżistenti:

- tiżviluppa sa Marzu 2020, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-Suq Uniku, inkluż żieda fit-trasparenza u s-sjieda politika għal protezzjoni aħjar tal-interessi tal-partijiet interessati kollha pereżempju billi tittejjeb it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku flimkien mal-Istati Membri, billi tittejjeb il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri, billi l-Istati Membri jiġu assistiti fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni u l-istrumenti tas-Suq Uniku u billi jiġi żgurat segwitu adegwat u appoġġ mill-pari fost l-Istati Membri;
- tippreżenta rapport annwali li għandu jiġi diskuss mill-Kunsill dwar l-istat attwali tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku u l-funzjonament tas-Suq Uniku, inkluż l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' regolamenti, direttivi u strumenti eżistenti.
- issaħħaħ l-istrumenti għall-provvista ta' informazzjoni mfassla apposta għan-negozji fir-rigward ta' regoli li jirregolaw is-Suq Uniku, minħabba l-kumplessità regolatorja;
- tiżgura l-implimentazzjoni mmirata u mfassal apposta tal-Gateway Diġitali Unika billi tistabbilixxi mekkaniżmi effettivi ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi implimentat skambju tad-data abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament, u biex jiġi ffaċilitat mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi tal-informazzjoni, tal-proċeduri u tal-assistenza li magħhom torbot il-gateway u l-miżuri biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-kwalità;
- tesplora l-użu, fejn adegwat, ta' sandboxes regolatorji għar-regolamenti li jista' jkollhom impatt fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku f'ambjent diġitali, b'mod partikolari għall-proġetti relatati mal-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali;

- tiżiż ulterjuri ta' SOLVIT billi jiġi żgurat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jipprovdu appoġġ adegwat għall-operat effettiv tiegħu, inkluż l-indirizzar tal-każijiet strutturali u rikorrenti bbażati fuq analiżi mill-Kummissjoni, billi tittejjeb il-kapaċità amministrattiva fiċ-ċentri ta' SOLVIT, tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar SOLVIT bħala għodda għas-soluzzjoni tal-problemi u tal-valur tad-data ta' SOLVIT fil-forniment ta' bażi ta' evidenza għall-proċess tal-infurzar tal-liġi u dak tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE;
- ittejjeb l-użu tal-pjattaforma IMI biex tgħin fil-movimenti taċ-ċittadini u n-negozji fl-UE, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-konformità mal-liġi tal-UE u funzjonament aħjar tas-Suq Uniku;
- taħdem flimkien mal-Istati Membri dwar il-promozzjoni ta' approċċ strateġiku, sostenibbli u innovattiv lejn l-akkwist, permezz tal-implimentazzjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku eżistenti, filwaqt li tiżgura suq tal-akkwist li jaħdem tajjeb u effiċjenti fl-UE kollha. TENFASIZZA l-ħtieġa li tingħata attenzjoni, fost l-oħrajn, għall-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja pubbliċi, għat-trawwim tal-opportunitajiet ipprovduti permezz tad-diġitalizzazzjoni, bħall-għodod tal-akkwist elettroniku u l-istandardizzazzjoni għall-interoperabbiltà, kif ukoll it-titjib tal-akkwist transkonfinali u l-aċċess għall-SMEs u n-negozji ġodda;
- biex taħdem flimkien mal-Istati Membri u l-atturi kollha involuti biex tiżdied it-trasparenza u l-inklużività tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni, biex jitjieb il-proċess għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' standards Ewropej, sabiex ikunu adattati aħjar għall-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet tekniċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, anke fil-kuntest internazzjonali, u *tkompli bl-isforzi* biex telimina l-istandards armonizzati li fadal b'lura li għadhom ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
